**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri )**

**Vs**

**Alan Giordimaina**

Kumpilazzjoni Numru: 845/2010

**Illum 13 ta' Jannar, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Alan Giordimaina ta' 24 sena, bin Paul u Pia nee Falzon, mwieled Pieta' fis-26 ta' Frar 1986, residenti gewwa 30 Flt 2, Triq il-Knisja, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 111986M:

Talli bejn Gunju 2010 u Lulju 2010 gewwa San Pawl il-Bahar u gewwa dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

Ikkommetta serq minn gewwa 'Nick's Service Station' sitwata fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, ghad-dannu ta' Colin Sant u persuni ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-persuna u bil-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37)

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- Fl-artikoli 261(c)(d), 267 u 268(d) u fl-artikoli 279(b), 280(1), 281 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
- Fl-artikoli 17, 18, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni u li kkonferma l-istess ammissjoni wara li inghata zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant din giet sodisfacjentement ippruvata.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu li minnha jirrizulta li l-imputat kien gie misjub hati fuq reat in konnessjoni ma' sewqan, u fuq kollox il-fatt li l-imputat hallas l-ammont kollu, li kien wiehed konsiderevoli, lill-parte leza.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(d), 267, 268(d), 279(b), 280(1), 281 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal tlett (3) snin.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' mija tmienja u erbghin euro u erbgha u erbghin centezmu (€148.44) rapprezentanti hlas ta' l-ispejjez tal-espert mahtur. Il-hati qieghed

jinghata sentejn (2) zmien sabiex ihallas dan l-ammont f'rati mensili. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat